MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Appell Civili Numru. 12/2011

**Gozo Sightseeing Limited (C48787)**

**vs**

**Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxa fejn fejn huwa ressaq talba ai termini ta'l-artikoli 811(e) u (l) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana sabiex tigi imhassra is-sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta

tal-31 ta' Mejju, 2012 fl-istess ismijiet u tordna ir-ritrattazzjoni tal-kawza u dana okkorendo wara li taghmel referenza lill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea a tenur ta'l-artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta'l-Unjoni Ewropeja u l-artikolu 21 tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati u l-Bon Ordni (Legislazzjoni Sussidjarja 12.09) u dana sabiex tinghata sentenza preliminari mill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropeja dwar l-interpretazzjoni tal-artikolu 387(c) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112EC.

Rat ir-risposta tas-socjeta ritrattata.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi b'deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, gie michud l-appell tas-socjeta appellanti Gozo Sightseeing Limited. Aggravata b'dina d-decizjoni s-socjeta Gozo Sightseeing Limited interponiet appell mill-istess u talbet lil din il-Qorti ta' revizjoni, kif diversament ippresjeduta, sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza tat-12 ta' Mejju 2011 tal-imsemmi Bord. Illi b'sentenza tal-31 ta' Mejju 2012, dan-appell gie milqugh u is-sentenza appellata hawn fuq imsemmija tal-Bord irrevokata meta din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, irreteniet illi l-provisti ta' *sightseeing transport service* permezz ta' *hop on hop off open top buses* jikkwalifikaw għall-eżenzjoni mill-ħlas ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud ai termini ta' partita 11(a) ta' Parti 1 tal-Ħames Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 9 tal-istess Kapitolu.

Ir-rikorrenti f'din il-kawza pproceda quddiem din il-Qorti biex jitlob li s-sentenza taghha moghtija fil-31 ta' Mejju 2012 tigi ritrattata a tenur tas-subinciz (e) u (l) ta' l-Artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Is- sottomissjonijiet avvanzati minnu huma kif gej:-

Illi kif tajjeb osservat din l-Onorabbli Qorti skond partita 11 (a) ta' Parti 1 tal-Ħames Skeda tal-Kap. 406 huwa eżenti mill-imposizzjoni tal-VAT ***"trasport provdut minn scheduled bus service li jkun jikkonsisti fi vjaggi scheduled fuq rotot scheduled"*;**

Illi pero fis-sentenza impunjata giet applikat il-liġi ħażin meta din il-Qorti kif diversament ippresjeduta applikat il-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.56 (Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri) fl-applikazzjoni tal-partita 11 (a) ta' Parti 1 tal-Ħames Skeda tal-Att Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406);

Illi f' materja fiskali, il-liġijiet speċjali bħal ma huwa l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv. F'dan il-każ allura l-applikazzjoni tal-Leġislazzjoni Sussidjarja imsemmija li taqa' taħt l-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, ma kellu qatt iservi bħala l-bażi tad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti dwar jekk is-servizz offrut mis-soċjetà ritrattata għandux jiġi assoġġettat għat-taxxa fuq il-Valur Miżjud o meno;

Illi l-partita 11 (a) ta' Parti 1 tal-Ħames Skeda tal-Att Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud li tipprovdi li l-provvista ta' trasport provvist minn *scheduled bus service* li jkun jikkonsisti fi vjaġġi *scheduled* fuq rottot *scheduled* hi eżenti bi kreditu, hija eżenzjoni li minn dejjem kienet tinstab fil-Kapitolu 406. Fil-fatt meta ġie ppromulgat l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fl-1998 permezz tal-Att Numru XXIII tal-1998 l-istess eżenzjoni bil-kreditu kienet tinsab fl-partita 13 (a) tat-Taqsima Wieħed tar-Raba' Skeda;

Meta imbaghad Malta issiehbet fl-Unjoni Ewropeja kellha tinghata deroga specjali sabiex din it-tip ta' provvista tkun tista' tibqa' ezenti bi kreditu. Tali esenzjoni li tohrog mill-artikolu 387(c) tad-Direttiva 2006/112EC, fil-fehma tar-ritrattandi kellha tapplika biss ghas-servizz tat-trasport pubbliku, u dana ghal konsiderazzjonijiet socjali bil-ghan illi l-prezz tan-nollijiet jibqghu baxxi, u ghalhekk mhux ghal kull tip ta' servizz ta' transport. Jargumenta illi dina l-esenzjoni qatt ma kellha tapplika ghat-tip ta'servizz ipprovdut mis-socjeta ritrattata billi f'dak iz-zmien dana it-tip ta' servizz f'Malta kien ghadu lanqas biss jezisti. Isostni illi hemm differenza bejn iz-zewg tipi ta' servizzi ipprovduti billi wiehed joffri servizz ta' transport ghal pubbliku in generali u ghalhekk ghandu ghan socjali filwaqt illi l-iehor ghandu biss skop turistiku li joffri servizz ta' *sightseeing* u mhux ta'trasport.

Illi s-socjeta Gozo Sightseeing Limited opponiet din it-talba b' risposta f' dawn it-termini:-

Illi l-allegazzjoni ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi hija kompletament difettuża, mingħajr mertu u għandha tiġi skartata peress illi din hija manifestament infondata

Illi ladarba l-Kummissarju ritrattanti naqas milli jindika u jiddentifika l-allegat żball ta' fatti li allegatament jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża odjerna, ċertament l-istess Kummissarju ritrattanti ma jistax jistrieħ fuq id-dispost tas-subinċiż (l) tal-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan skond prinċipji ben stabbiliti fil-ġurisprudenża nostrana.

Illi l-fatti li taw lok għall-kawża odjerna in succint isegwu:

Illi fil-21 ta' Ottubru 2009 is-soċjetà ritrattata, Gozo Sightseeing Ltd kumpannija li topera numru ta' *hop-on-hop-off sightseeing open-top buses*, b' referenza għall-Partita 11(a) tal-Ewwel Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Kap 406, talbet lill-Kummissarju tat-Taxxa (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) sabiex jikkonferma jekk is-servizz tagħha bħala "*scheduled trips on scheduled roads"* kienx jista' jiġi meqjus bħala "*exempt with credit*".

Illi fl-14 ta' Jannar 2010 il-Kummissarju wieġeb illi s-soċjetà appellanti illum ritrattata, billi sahaq illi s-socjeta ma tipprovdix servizz ta' trasport pubbliku hekk kif rikjest mill-partita 11 (a) tat-Taqsima 1 tal-Hames Skeda tal-Kapitolu 406 u għalhekk s-servizz huwa suġġett għat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud:

Illi fil-11 ta' Frar 2010 s-soċjetà ritrattata appellat minn din id-deċiżjoni u fit-12 ta' Mejju l-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, iddeċieda illi:

*"Il-Bord wara li qara u sema' dak kollu li nkiteb u ntqal miż-żewġ partijiet wasal għall-konklużjoni li minkejja l-argumenti tal-appellant, dan is-servizz huwa ferm differenti minn dak tas-servizz pubbliku li huwa ntiż li jġorr numru kbir ta' passiġġieri fl-inqas ħin possibbli bi prezz kemm jista' jkun baxx u li kien porpju biex iġorr b' dan il-prezz li l-istat ottjena d-deroga mill-Unjoni Ewropea. Huwa żgur li l-Unijoni Ewropea ma kellhiex intenzjoni li testendi din id-deroga għal servizz ta' "Sightseeing."*

*L-appell għalhekk huwa miċħud."*

Illi fl-10 ta' Ġunju 2011 is-soċjetà ritrattata appellat minn din id-deċiżjoni u talbet lil din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-argumenti illi s-servizz ta' '*sightseeing transport*' permezz ta' '*hop-on hop-off open top buses*' huwa eżenti taħt Partita 11 (a) tal-ewwel Parti ta' Skeda 5 ta' Kap 406

Illi permezz tas-sentenza tagħha tal-31 ta' Mejju 2012, din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta iddeċidiet billi '*filwaqt li tiċħad ir-risposta tal-appell tal-appellat il-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud datata 4 ta' Lulju 2011 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deċiż, tilqa' l-appell interpost mis-soċjetà appellanti Gozo Sightseeing Limited fir-rikors tal-appell*

*tagħha datat 10 ta' Ġunju 2011 għar-raġunijiet hawn deċiżi b'dan li qed tannulla u tirrevoka għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud fl-ismijiet "Gozo Sightseeing Limited vs Il-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud" (Appell Numru 19/10) datat 12 ta' Mejju 2011 b'dan li minflok qed jiġi hawn deċiż u determinat li l-provisti ta' "sightseeing transport service" permezz ta' "hop-on hop off open top buses" jikkwalifikaw għall-eżenżjoni mill-ħlas ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) ai termini ta' partita 11 (a) ta' Parti 1 tal-Ħames Skeda tal-Kap. 406 u l-artikolu 9 tal-Kap. 406. Bl-ispejjeż kontra l-appellat il-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud.'*

**Konsiderazzjonijiet**

Jinhass utili illi qabel ma l-Qorti tikkoncentra fuq il-motivi invokati ghar-ritrattazzjoni illi tissottolinea dan il-principju fundamentali li jirregola l-interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet kontenuti fl-istitut tar-ritrattazzjoni:-

***"Il rimedio della ritrattazione e' ammesso soltanto nei casi tassattivamente stabbiliti dalla legge, dovendo in ogni altro caso prevalere la stabilita` del giudicato che sola puo` mettere fine alle lite"* – "Giuseppe Luigi Bonnici – vs- Dottor Carlo Galea Naudi", Appell Civili, 3 ta' April 1922.**

Inghad, imbghad, ukoll illi ***"r-rimedju tar-ritrattazzjoni hu ta' indoli straordinarja, lummeggjat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan***

***l-istitut, bil-konsegwenza logika illi r-regoli li jiggovernaw l-istess istitut huma ta' interpretazzjoni strettissima. Diversament, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent ikun jista' jerga' jiftah il-kawza, u b'hekk indirettament jinholoq tribunal tat-tielet istanza*" – "Rev. Sacerdot Dun Giuseppe Aquilina –vs- Francesco Aquilina", Appell Civili, 18 ta' April 1958.**

Stabbiliti dawn il-principji generali li jirregolaw l-istitut ta' ritrattazzjoni, il-Qorti ser tghaddi biex tezamina serjatim l-artikoli tal-ligi li abbazi taghhom il-Kummissarju ritrattandi qed jitlob is-smiegh mill-gdid ta' kawza li ghaddiet in gudikat.

Issa s-subinciz (e) ta' l-Art 811 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa l-ewwel subinċiż li fuqu r- ritrattandi qed jibbaza t-talba ghas-smiegh mill-gdid jipprovdi illi tista' tigi milqugha talba bhal din "jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin".

Il-ligi fil-fatt timponi din il-limitazzjoni u tghaddi biex tiddefiniha bil-mod segwenti:-

"**Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-Qorti tkun espressament tat decizjoni**".

**F'Commonwealth Educational Society Ltd Vs Camilleri Adriana** ġie ritenut illi l-kazistika taghna fuq din id-disposizzjoni hi wahda abbundanti u, kif ser jintwera, nkwadrata b'dawn ir-riflessjonijiet alkwantu restrittivi:

(i) *"Hemm biss applikazzjoni hazina tal-ligi fit-termini ta' dan is-subinciz mhux meta jkun hemm interpretazzjoni hazina tal-ligi applikabbli ghall-fatti imma biss meta ma tkunx giet applikata l-ligi gusta ghal dawk il-fatti"* –

"**Carmelo Busuttil –vs- Mary Gauci**", Appell, 24 ta' Jannar 1997;

(ii) *Bhal fil-kaz prezenti, "ir-rikorrenti qeghda ssostni li hi l-konvinzjoni taghha li l-Qorti ta' l-Appell applikat il-ligi hazin. Dan pero` mhux bizzejjed biex jeradika d-dritt ghal ritrattazzjoni. Hi trid tipprova bil-premessa taghha li l-Qorti applikat il-ligi l-hazina u mhux li applikat il-ligijiet taghha b'mod hazin"* – (**Vol LXXVI pII p196**; "**Reginald Micallef et noe –vs- Godwin Abela et noe**", Appell Kummercjali, 3 ta' Gunju 1994).

(iii) *"L-ipotesi ta' applikazzjoni hazina ta' ligi tikkonkreta ruhha meta hemm vjolazzjoni manifesta tal-ligi, u mhix soggetta ghall-interpretazzjoni, razjocini jew argomenti*: (**Vol VII p526**; **Vol XXIX pI p795**; "**Dorothy Xuereb –vs- George Xuereb**", Appell, 20 ta' Jannar 1982; "**Fedele Dali –vs- Coronate Sare`**", Appell, 20 ta' Frar 1996; "**Anthony J. Camilleri et –vs- Avukat Dottor Victor Ragonesi noe**", Appell, 28 ta' Frar 1997 u "**Joseph**

**Tabone noe –vs- John Mousu' pro et noe**", Appell, 12 ta' Dicembru 2001, fost bosta ohrajn)

Imbagħad f'**<u>Difesa Joseph Vs L-Awtorita Ta' Malta Dwar L-Ambjent U L-Ippjanar, AĊ Nru 12/2003 datat 06/04/2003</u>**

*Huwa desumibbli minn dawn l-enuncjazzjonijiet illi hemm lok ghal smiegh gdid fuq il-bazi ta' applikazzjoni hazina tal-ligi mhux jekk il-Qorti tkun interpretat erronjament il-ligi applikabbli ghall-meritu quddiemha imma biss jekk tkun applikat ghal dak il-meritu ligi zbaljata u cjoe ligi minflok ohra. Tant hu hekk li l-ligi stess timponi bl-Artikolu 816 Kapitolu 12 illi fir-rikors tieghu r-ritrattand jispecifika liema ligi kien messha giet applikata mill-Qorti, u meta r-raguni hija applikazzjoni hazina tal-ligi l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien messha giet applikata. Ara fost ohrajn sentenzi flismijiet "**Joseph Micallef -vs- George Pavia**", Appell, 5 ta' Frar 1993; "**Vincenza Borg -vs- Giuseppe Giordmaina**", Appell, 19 ta' Jannar 1996; "**AIC Emanuel Zammit nomine -vs- Nazzareno Fenech**", Appell, 30 ta' Gunju 1997;*

Ġie ritenut ukoll f'**<u>Philip Amato Gauci et vs Angelo Agius AĊ Nru 2177/1998 datat 24/111/2003</u>**

*L-accenni gurisprudenzjali fir-rigward ta' dan is-subinciz isegwu dan l-orjentament:-*

*(1) L-applikazzjoni hazina timmanifesta ruhha meta jkun hemm "la violazione manifesta di una legge espressa, chiara, non soggetta ad interpetazione, ne a raziocini o argomenti … ("***Com. Francesco Azzopardi –vs- Francesco Galea***", Appell, 17 ta' Frar 1876; "***Vincenza Borg –vs- Gisueppe Giordmaina***", Appell, 19 ta' Jannar 1996 u "***Maria Teresa Grech et –vs- Giljan Abela***", Appell, 8 ta' Gunju 1999).*

*(2) "Che la Corte in un giudizio di ritrattazione, non puo` entrare, come nel caso di un regolare appello, ad esaminare se il fatto come stabilito dalla Corte sia erroneo o meno; ma per vedere se via sia mala applicazione di legge deve prendere per unica base il fatto come stabilito dalla Corte nella sentenza impugnata" – "***Negte Giuseppe Vella Zarb –vs- Antonio Bartolo***", Appell, 3 ta' Frar 1930).*

*(3) "A testimonianza del* ***Mattirolo*** *(Trattato di Diritto Giudiziario Civile, Vol IV para 1043) e' ormai pacificamente ammesso dagli scrittori e dalla giurisprudenza che i giudizi di mera interpretazione di una fatto dubbio o controverso, ossia i giudizi col quale il magistrato dato il tenore di un atto, interpreta la volonta` dubbia ed oscura dei contraenti o del testatore sono giudizi sovrani del magistrato che statuisce sul merito, incensurabile in cassazione" – "***Marchese Riccardo Cassar Desain noe et –vs- Giovanni Spiteri***", Appell, 25 ta' Novembru 1927; "***Negozjant Giuseppe di Ruggero Wismayer –vs- Giovanni Wismayer***", Appell, 7 ta' Dicembru 1936.*

*(4) Biex jigi eradikat id-dritt ghal ritrattazzjoni, ir-rikorrent irid jipprova bil-premessa tieghu illi l-Qorti applikat il-ligi l-hazina u mhux li applikat il-ligijiet tajba b'mod hazin – "**Reginald Micallef et noe –vs- Godwin Abela et noe**", Appell Kummercjali, 3 ta' Gunju 1994.*

Minn dawn il-principji legali stabbiliti b'certezza minn gurisprudenza kopjuza, jitwieled bhala fatt illi il-kompitu tal-gudikant fil-kawza ta' ritrattazzjoni mhuwiex illi teżamina jekk il-fatti kif ġew stabbiliti u interpretati mill-Qorti tal-Appell, kienux żbaljati jew le, izda illi tinvestiga jekk gietx applikata il-ligi il-hazina ghall-fatti dezunti quddiemha.

Ir-rittratandi jgħid illi l-liġi li kellha tiġi applikata kien il-Kapitolu 406 u mhux il-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.56. Illi mis-sentenza impunjata illi minnha qed issir it-talba għar-ritrattazzjoni jirriżulta dan li ġej. Illi fid-decizjoni taghha, din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, għamlet riferenza għall-**<u>Avviż</u> <u>Legali 149 tal-2009</u>**, għall-fini tat-<u>tifsira</u> ta' *rotta tat-trasport għat-turisti:*

***"rotta tat-trasport għat-turisti" tfisser rotta stabbilita u ppubblikata mill-Awtorità u li tista' tintuża' mill-operaturi għall-fini tal-ġarr ta' passiġġieri minn u lejn siti u attrazzjonijiet fit-territorju ta' Malta u li jkun fiha numru ta' postijiet ta' tagħbija u ħatt determinati minn qabel, li l-ebda wieħed minnhom m'għandu jkun inqas minn ħames mitt metru bogħod mill-entratura prinċipali ta' kull bini liċenzjat bħala ħotel skond l-Att dwar is-Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, Kap. 409 u ma tinkludix rotot pubbliċi għall-ġarr ta' passiġġieri;***

Imbagħad fid-dawl ta' dina id-definizzjoni ghaddiet sabiex iddikjarat illi rotot tat-trasport għat-turisti jaqghu fil-parametri tal-Kapitolu 406, u dana billi l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud mhuwiex limitat għal rotta pubblika ta' trasport pubbliku u dana billi l-artikolu 11(a) ta' Parti 1 tal- Ħames Skeda jitkellem dwar trasport provdut minn *schedule bus service* li jkun jikkonsisti fi vjaġġi *scheduled* fuq rotot *scheduled* u ghalhekk fid-dawl tad-definizzjoni moghtija fl-Avviz Legali 149 tal-2009, il-kapitolu 406 jinkludi ukoll is-servizz moghti ta' *sightseeing transport services*.

Jirriżulta minn dan illi s-sentenza ghamlet analizi tat-tliet kriterji rekwiżiti li għandhom jiġu osservati biex trasport ikun eżenti mit-taxxa fuq il-valur miżjud u ikkonkludiet illi dan is-servizz offrut huwa eżenti. Għaldaqstant jingħad illi l-Kummissarju rittrattandi ma għandux raġun meta jgħid illi l-Qorti applikat r-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġieri għaliex l-Qorti tal-Appell fil-fatt applikat dak ipprovdut fil-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta u applikat il-Legislazzjoni Sussidjarja biss sabiex taghti definizzjoni tas-servizz in dizamina u ghalhekk sabiex tasal biex tara jekk tali servizz jaqax taht it-tifsira ta' dak dispost fl-artikolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta u dana meta ikkonkludiet illi s-servizz ta' *sightseeing transport* huwa servizz ta' transport li ghandu rotot definiti f'hinijiet skedati kif hemm ikkontemplat fl-artikolu 11(a) tal-Hames Skeda ta'l-Att. Il-Qorti qieset illi l-ligi kienet cara fid-dicitura taghha u ghalhekk ma kienx jenhtieg ebda interpretazzjoni ulterjuri.

Illi subordinatament ghal dan, il-Kummissarju ritrattandi sejjes it-talba tieghu ai termini ta**l-Art. 811 (l) tal-Kapitolu 12**. Is-subinciz (l) tal-Artikolu 811 jaghti lok ghas-smiegh mill-gdid tal-kawza fil-kaz fejn is-sentenza ritrattanda kienet l-effett ta’ zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.

Fis-sentenza **Fedele Dalli vs Coronato Sare**`, (Appell, 20 ta’ Frar 1996), inghad illli *“irid jinzamm ferm illi r-rimedju ta’ ritrattazzjoni jirreferi f’dan il-kaz ghal procedura fl-istadju ta’ l-appell u huwa f’dan l-istadju li ghandu jigi identifikat l-izball ta’ fatt li allegatament jaghti lok ghal dan ir-rimedju*.”

*“l’errore di fatto perche possa aprire l’adito alla ritrattazione deve risultare dagli atti e dei documenti della causa, e deve essere un errore materiale, intuitivo, risultante dal semplice confronto delle dichiarazioni della sentenza cogli atti e coi documenti e non relativo ai criteri o caretteri coi quali il fatto e` stato appreso dal giudicante … … L’errore di fatto deve inoltre trovarsi in rapporto di casualita` colla decisione, ed e` necessario che il fatto non abbia formato un punto contraverso e deciso colla sentenza impugnata*”. (**Vol XXIV pI p609** u **Vol XXVII pI p433**)

**F’ Palmar Limited vs Victor Ciantar (**App Ċiv 77/1998/2**)** imbagħad ġie ritenut:

*“Ghall-finijiet ta’ dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-supposizzjoni ta’ xi fatt li l-verita` tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi*

*fatt, li l-verita` tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza.*

Għal din il-Qorti zball konsimili, kif rikjest mil-ligi, u kif definit u interpretat fid-dottrina u l-gurisprudenza, la huwa senjalat mill-Kumissarju rittrattandi u lanqas ma huwa ravvizat fil-fattispecie ta' dan il-kaz. Illi ir-rikors promotur ta' dina l-procedura jaghmel enfazi fuq l-applikazzjoni tal-ligi hazina u allura is-sub-inciz (e) ta'l-artikolu 811 u ma jindikax allura kif is-sentenza ritrattanda hija affetta minn dana l-izball u fejn allura seta' sehh dana l-izball. Għaldaqstant dina l-Qorti ma tistax minn jeddha tfittex u tindaga hi fejn allegatament sehh dana l-izball u jekk allura s-sentenza kenitx l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza. Ghal dawn il-motivi anke dina it-talba ser tigi michuda.

Illi finalment b'referenza ghat-talba maghmula mill-Kumissarju ritrattandi sabiex issir ir-referenza lill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropeja fuq il-kwezit suggett ghad-diskuzzjoni f'dina il-vertenza, il-Qorti tirrileva qabel xejn illi tali referenza qed tintalab sabiex tinghata direzzjoni mill-Qorti Ewropeja dwar l-interpretazzjoni ta'l-artikolu 387(c) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/EC. Illi fil-fatt din kienet il-perm tal-mertu kollu tal-istanza in dizamina u cioe it-tifsira li kellha tinghata ghat-terminu "inland passenger transport" indikata fid-deroga moghtija mill-Unjoni Ewropeja ghall-esenzjoni mit-taxxa. Illi qabel xejn ghandu jigi rilevat illi dina l-kwistjoni kienet diga giet trattata fis-sentenza ritrattanda, u kif gustament gie deciz id-dicitura tal-ligi ma taghmilhiex dina id-distinzjoni. Isegwi ghalhekk illi tali referenza messha intallbet fi stadju meta il-Qorti kienet

ghadha ma iddecieditx dwar l-interpretazzjoni li kellha tinghata ghad-direttiva u mhux fi stadju ta' ritrattazzjoni billi il-poteri ta' din il-Qorti issa huma delimitati fil-parametri ta'l-artikolu 811 tal-Kapitolu 12. Ma tistax din il-Qorti issa tagixxi bhala it-tielet qorti ta' revizjoni sabiex taghti interpretazzjoni ta' ligi li taghha diga inghata tali interpretazzjoni fit-tieni istanza. L-artikolu 811 jitkellem fuq l-applikazzjoni tal-ligi il-hazina u mhux ta' intrepretazzjoni zbaljata ta' ligi u kwindi gaialdarba dina l-Qorti hija tal-fehma illi ma jirrikorrux l-elementi rikjesti mill-ligi ghas-smigh mill-gdid tal-kawza, hija prekluza milli taghmel ir-referenza mitluba billi mhuwiex ser jigi fdat ghall-gudizzju taghha l-interpretazzjoni ta' tali ligi, fl-eventwalita illi tali direzzjoni tinghata mill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropeja. Ghaldaqstant it-talba kif imposta hija legalment insostenibbli.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------